# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Clarie L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija
[Spettur Sarah Zerafa]

vs

Di Grazia Giovanni

Kumpilazzjoni Numru: 103/2020

Illum, 2 ta' Marzu, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Di Grazia Giovanni detentur tal-karta tal-identita` numru 201330A.

Akkuzat talli nhar l-1 ta' Marzu 2020 ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofs in-nhar (14:00hrs) gewwa 179, Sweet Heaven, Triq il-Liedna, Fgura,

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Giuseppe Gulino hekk kif gie ccertifikat minn Dr. C. Debattista numru ta' registrazzjoni 3964 mic-centru tas-sahha ta' Paola.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Giuseppe Gulino u/jew persuni ohra billi jigu applikati l-provedimenti ta' l-artikolu 412C tal-kap 9 tal-Ligijiet ta Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kas ta' htija jigu applikati l-provedimenti ta l-artikoli 382A u 383 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Il-Qorti finalment giet mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmi Giovanni Di Grazia biex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra

tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli 216(1)(b), 412C, 382A, 383 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi u stante ammissjoni mill-imputat Giovanni Di Grazia ghall-akkuza kif dedotta kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, il-Qorti qieghda ssib lill-imputat Di Grazia Giovanni hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin, filwaqt li tordna Ordni ta' Protezzjoni taht l-Art. 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sentejn (2) u liema ordni qed tigi annessa ma' din is-sentenza.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**